

Brussell, 12 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6313/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0044 (COD)**

---

---

**PI 20  
AGRI 115  
CODEC 226**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 69 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1753 fir-rigward tal-emendi adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025 tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 69 final.

Mehmuż: COM(2026) 69 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.2.2026  
COM(2026) 69 final

2026/0044 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1753 fir-rigward tal-emendi adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025 tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-għan ta' din il-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiżgura l-allinjament tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE mar-Regolamenti Komuni emendati għas-Sistema ta' Liżbona tal-WIPO tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO, World Intellectual Property Organization).

Fl-14 ta' Lulju 2025, fis-66 Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-WIPO, l-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona adottat l-emendi tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti Komuni"), kif irrakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tas-Sistema ta' Liżbona fis-sitt sessjoni tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025 għall-adozzjoni mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona, u kif stabbilit fl-Anness tad-dokument LI/A/42/2, bl-1 ta' Lulju 2026 bħala d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

L-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri dwar azzjonijiet tal-Unjoni b'segwitu għall-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra. B'konsegwenza tal-adozzjoni tal-emendi tar-Regolamenti Komuni mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025, diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1753 se jkollhom jiġu emendati sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regolamenti Komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza tar-Regolament (UE) 2019/1753 mar-Regolamenti Komuni aġġornati, u għalhekk biex l-Unjoni tkun tista' tkompli tkun kompletament operattiva bħala Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra.

L-Unjoni appoġġat dawk l-emendi abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1415 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali stabbilita mill-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom fir-rigward tal-emendi proposti għar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra ta' dak il-Ftehim<sup>1</sup>.

#### **• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-Unjoni li tippromwovi u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi permezz ta' ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali.

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2025/1415, 15.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1415/oj>

## 2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Fid-dawl tas-suġġett tar-Regolament, ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona. Dan isegwi mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża C-389/15, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, li ċċarat li l-abbozz tal-Ftehim ta' Liżbona rivedut, jiġifieri l-Att ta' Ġinevra, essenzjalment huwa maħsub biex jiffaċilita u jirregola l-kummerċ bejn l-Unjoni u Stati terzi u, it-tieni, huwa tali li jkollu effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ, biex b'hekk in-negozjati tiegħu waqgħu taħt il-kompetenza esklużiva li l-Artikolu 3(1) tat-TFUE jagħti lill-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni prevista fl-Artikolu 207(1) tat-TFUE.<sup>2</sup>

Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għal oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li l-Unjoni tkun tista' tkompli tipparteċipa fl-Unjoni ta' Liżbona b'mod li jiżgura protezzjoni effiċjenti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-istrument legali xieraq għall-emenda tar-Regolament (UE) 2019/1753 peress li jiżgura l-prerogattivi leġiżlattivi taż-żewġ istituzzjonijiet bl-istess mod bħal dak għar-Regolament oriġinali.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

---

<sup>2</sup> Is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-389/15, ECLI:EU:C:2017:798, il-punt 74.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-emendi tar-Regolament (UE) 2019/1753 huma ta' natura teknika; dawn ma jmorru lil hinn milli jagħmlu referenza għal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi adottata fl-2024, u li timplimenta l-emendi tar-Regolamenti Komuni adottati fl-2025.

Il-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar jiċċaraw li valutazzjoni tal-impatt għandha ssir biss meta tkun utli, li għandu jiġi vvalutat abbażi ta' każ b'każ. Fil-prinċipju, meta ftit li xejn ikun hemm għażla disponibbli għall-Kummissjoni, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Dan huwa l-każ hawnhekk peress li l-emendi proposti huma meħtieġa bħala parti mill-obbligi legali tal-Unjoni skont l-Att ta' Ġinevra sabiex jiġu riflessi l-emendi tar-Regolamenti Komuni li se jidhru fis-seħħ sal-1 ta' Lulju 2026. Il-validazzjoni politika ngħatat wara li ġie kkunsidrat dan il-kuntest.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Skont il-valutazzjoni diġitali mwettqa, il-proposta kurrenti ma għandha l-ebda dimensjoni diġitali peress li ma hemm l-ebda rilevanza diġitali. Il-proposta għandha l-għan li tallinja l-leġislazzjoni tal-UE mar-Regolamenti Komuni emendati tas-Sistema ta' Liżbona tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-WIPO.

Il-mezzi diġitali jew l-iskambju ta' data ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Il-proposta ma tinvolvi il-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju jew il-kondiviżjoni tad-data; l-awtomatizzazzjoni jew id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-partijiet ikkonċernati; l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda jew eżistenti; jew tikkonċerna s-servizzi pubbliċi diġitali.

- **Drittijiet fundamentali**

Li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa kontinwa tal-Unjoni fl-Unjoni ta' Liżbona bħala Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra hija f'konformità mal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, li jipprevedi li l-proprjetà intellettwali għandha tiġi protetta.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva leġislattiva proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mill-1 ta' Lulju 2026, skont ir-Regola 15 il-ġdida tar-Regolamenti Komuni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jitħallew jissottomettu talbiet biex jikkodifikaw tipi ġodda ta' modifiki: modifika tal-isem ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata skont l-Att ta' Ġinevra, modifika tat-tip ta' oġġett jew ta' prodott u modifika tad-deskrizzjoni tad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi tad-denominazzjoni ta' oriġini

jew tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni.

Bħalissa, il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1753 japplikaw biss għas-sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni (l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753), għad-deċizzjonijiet għall-protezzjoni jew għaċ-ċaħda tal-protezzjoni lid-denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn (l-Artikoli 4 sa 7 ta' dak ir-Regolament) u għall-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri, lill-membri tal-Ftehim ta' Liżbona u li jingħaqdu fl-Att ta' Ġinevra biex jinnotifikaw lill-Bureau Internazzjonali dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini tagħhom.

Għalhekk, huwa essenzjali li jiġu ddefiniti l-proċeduri biex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni mill-Unjoni ta' modifiki fid-denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi, tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, li huma rilevanti għall-protezzjoni fl-Att ta' Ġinevra ta' tali denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi. Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu stabbiliti wkoll proċeduri li jippermettu lill-Unjoni tivvaluta jekk tipproteġix denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fit-territorju ta' partijiet kontraenti għajr l-Istati Membri li għalihom ġiet ikkodifikata modifika fir-Reġistru Internazzjonali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri xierqa skont ir-Regolament (UE) 2019/1753 biex dan jiġi adattat għar-regoli l-ġodda tal-Att ta' Ġinevra.

Dawn l-emendi huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att ta' Ġinevra.

Barra minn hekk, fid-dawl tas-simplifikazzjoni u tal-ekonomija tal-proċeduri, l-obbligu għall-Istati Membri li kienu parti mill-Ftehim ta' Liżbona qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra li jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe notifika li ssir mill-Bureau Internazzjonali skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-obbligu għall-Kummissjoni li tibgħat dawk in-notifiki lill-Istati Membri l-oħrajn kollha għandu jiġi jitħassar.

Barra minn hekk, l-emenda għandha tqis ukoll ir-riforma reċenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi li rriżultat fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1143, li stabbilixxa qafas unifikat għall-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Unjoni, li jsaħħaħ il-protezzjoni u r-rikonoxximent ta' prodotti bħall-inbid, ix-xorb spirituż, u prodotti agrikoli kif ukoll prodotti artiġjanali u industrijali. L-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni applikabbli għandu jiġi rifless fit-test tar-Regolament (UE) 2019/1753. B'mod partikolari, ir-referenzi għall-Kumitati rilevanti tar-Regolamenti mħassra dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom jiġu ssostitwiti bir-referenza għall-Kumitat uniku għall-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/1143.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1753 fir-rigward tal-emendi adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025 tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw azzjonijiet tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2025, fis-66 Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO, World Intellectual Property Organization), l-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona adottat l-emendi tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u l-Att ta' Ġinevra<sup>3</sup> tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti Komuni")<sup>4</sup>. Dawk ir-regoli ġodda se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2026.

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p .

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj>)

<sup>3</sup> L-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar Denominazzjonijiet ta' Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi, (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2019/1754/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/1754/oj); Regoli Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona (kif fis-seħħ fl-14 ta' Lulju, 2023), ELI: <https://www.wipo.int/wipolex/en/treaties/textdetails/19813>)

<sup>4</sup> Test tal-emenda: [LI/A/42/2 ; Rapport ta' sinteżi tal-laqgħa tal-Assemblea ta' Liżbona tal-14 ta' Lulju 2025 inkluża d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-emenda A/66/10](#)

- (3) Bħala konsegwenza tal-adozzjoni tal-emendi tar-Regolamenti Komuni mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fl-14 ta' Lulju 2025, jenħtiegħ li diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1753 jiġu emendati sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regolamenti Komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza tar-Regolament (UE) 2019/1753 mar-Regolamenti Komuni aġġornati, u għalhekk biex l-Unjoni tkun tista' tkompli tkun kompletament operattiva bħala Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra.
- (4) B'mod partikolari, skont ir-Regola 15 il-ġdida tar-Regolamenti Komuni, il-Partijiet Kontraenti se jkunu jistgħu jissottomettu talbiet għad-dħul fir-Reġistru Internazzjonali tat-tipi ġodda ta' modifiki li ġejjin: modifika tal-isem ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata skont l-Att ta' Ġinevra, modifika tat-tip ta' oġġett jew ta' prodott u modifika tad-deskrizzjoni tad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni.
- (5) Bħalissa, il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1753 ma japplikawx għal talbiet għal modifika.
- (6) Għalhekk huwa meħtiegħ li jiġu ddefiniti l-proċeduri li jippermettu l-implimentazzjoni mill-Unjoni tat-talbiet relatati. It-talbiet għal modifika magħmula mill-Unjoni jenħtiegħ li jikkonċernaw id-denominazzjonijiet ta' oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiki tagħha stess, id-denominazzjonijiet ta' oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiki tal-Istati Membri li tħallew ikunu Membri tal-Att ta' Ġinevra, li għalihom il-Kummissjoni, jew l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju"), huma Awtorità Kompetenti.
- (7) Huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' modifiki. Fir-rigward ta' modifiki tal-isem, tat-tip ta' prodott jew taż-żona ġeografika ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika, protetti skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 jew ir-Regolament (UE) 2023/2411, peress li dawn l-elementi huma elementi kostitwenti tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiki protetti fis-sistema tal-Att ta' Ġinevra, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tkun obligata titlob il-modifika tal-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali, wara l-approvazzjoni tal-emenda fis-sistema tal-Unjoni.
- (8) B'kuntrast ma' dan, id-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi [tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika] huma element fakultattiv tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiki fis-sistema tal-Att ta' Ġinevra. It-talba għal modifika ta' tali elementi tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali jenħtiegħ li tkun possibbli, fuq inizjattiva tal-Istat Membru tal-oriġini tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika, u wara l-approvazzjoni tal-emenda fis-sistema tal-Unjoni.
- (9) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa meħtiegħ li jiġu stabbiliti l-proċeduri xierqa skont ir-Regolament (UE) 2019/1753 biex dan jiġi adattat għar-regoli l-ġodda tal-Att ta' Ġinevra.
- (10) Dawn l-emendi huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att ta' Ġinevra.
- (11) Barra minn hekk, fid-dawl tas-simplifikazzjoni u tal-ekonomija tal-proċeduri, l-obbligu għall-Istati Membri li kienu parti mill-Ftehim ta' Liżbona qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra li jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe notifika li ssir

mill-Uffiċċju Internazzjonali skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-obbligu għall-Kummissjoni li tibgħat dawk in-notifiki lill-Istati Membri l-oħrajn kollha jenħtieġ li jitħassru.

- (12) Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-każijiet speċifiċi identifikati fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2023/2411, tkun tista' tieħu f'idejha mill-Uffiċċju s-setgħa li tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni, il-modifika u l-kanċellazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha u dwar il-protezzjoni, ir-rifjut tal-protezzjoni, il-modifika u l-invalidazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiż terz. Dan huwa b'mod partikolari minħabba li r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta tista' tmur kontra l-ordni pubbliku, jew tali reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni jistgħu jipperikolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali jew esterni tal-Unjoni.
- (13) Reċentement, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi ġiet riformata bir-Regolament (UE) 2024/1143<sup>5</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi qafas unifikat għall-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Unjoni, li jsaħħaħ il-protezzjoni u r-rikonoxximent ta' prodotti bħall-inbid, ix-xorb spirituż, u l-prodotti agrikoli. Dak ir-Regolament emenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Ir-referenzi għar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2019/787 jenħtieġ li għalhekk jiġu ssostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) 2024/1143.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1753 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2019/1753**

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1753 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu ‘indikazzjonijiet ġeografiċi’ jkopri:

id-denominazzjonijiet ta' oriġini skont it-tifsira tal-Att ta' Ġinevra, inklużi d-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, għax-xorb spirituż u għall-prodotti agrikoli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*; u

l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2023/2411.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 23.04.2024, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj>).

tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 23.04.2024, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj>).”;

(2) jiżdied l-Artikolu 2a li ġej:

*“Artikolu 2a*

**Modifiki tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fir-Reġistru Internazzjonali**

1. Wara l-adozzjoni, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta’ emenda tal-isem, tal-klassifikazzjoni tal-prodott jew taż-żona ġeografika ta’ denominazzjonijiet ta’ oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f’konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew mar-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, għandhom jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki tal-isem, tat-tip ta’ prodott jew taż-żona ġeografika ta’:

(a) id-denominazzjoni ta’ oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika korrispondenti li tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Uffiċċju;

(b) id-denominazzjoni ta’ oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika korrispondenti li tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali fuq talba ta’ Stat Membru.

2. Fuq talba ta’ Stat Membru, wara l-adozzjoni, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni, ta’ emenda ta’ denominazzjonijiet ta’ oriġini protetti, ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u protetti f’konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 jew ir-Regolament (UE) 2023/2411, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju, jistgħu jippreżentaw lill-Bureau Internazzjonali talbiet għal modifiki tad-dettalji, tar-reputazzjoni jew tal-karatteristiċi, kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni, tad-denominazzjoni ta’ oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika korrispondenti rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali u msemmija fil-paragrafu 1, il-punti a) u b).”;

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“2. Meta, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5, il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dak l-Artikolu ma jġux issodisfati jew tkun waslet oppożizzjoni ammissibbli kif stipulat fl-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk tagħtix protezzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tingħata protezzjoni għandha tiġi adottata mill-Uffiċċju.”

(4) jiżdied l-Artikolu 7a li ġej:

*“Artikolu 7a*

**Modifiki ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ pajjiżi terzi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali**

“1. L-Artikoli 4 sa 7 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal modifika tal-isem jew għal modifika tat-tip ta’ prodott jew għal modifika taż-żona ġeografika tad-denominazzjonijiet ta’ oriġini jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali li fir-rigward tagħha l-Parti Kontraenti tal-Origiġni ma hijiex Stat Membru, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (xv) tal-Att ta’ Ġinevra, li tkun innotifikata lill-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, lill-Uffiċċju, skont ir-Regola 15(3) tar-Regolamenti Komuni.”;

(5) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. L-atti ta’ implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 7 u 7a għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn tal-Unjoni li huma relatati mal-introduzzjoni fis-suq ta’ prodotti u, b’mod partikolari, mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, standards sanitarji u fitosanitarji, u t-tikkettar tal-ikel.

Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, l-ewwel subparagrafu għandu japplika *mutatis mutandis* għad-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju.”;

(6) l-Artikolu 12, il-paragrafu 5, jitħassar;

(7) jiżdied l-Artikolu 12a li ġej:

*“Artikolu 12a*

#### **Applikazzjoni tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2023/2411**

L-Artikolu 30, il-paragrafi 1 sa 5, tar-Regolament (UE) 2023/2411 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċeduri stabbiliti f’dan ir-Regolament fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.”;

(8) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitati li ġejjin skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, fir-rigward tal-prodotti li ġejjin:

(a) għall-inbid, għax-xorb spirituż u għall-prodotti agrikoli, li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143, mill-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għall-prodotti agrikoli, għall-inbid u għax-xorb spirituż stabbilit mill-Artikolu 88 ta’ dak ir-Regolament;

(b) għall-prodotti artiġjanali u industrijali li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2411, mill-Kumitat għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Artiġjanali u Industrijali stabbilit mill-Artikolu 68 ta’ dak ir-Regolament.”.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*